REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1869

tas-7 ta' Novembru 2019

li jemenda u jikkoreġi l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' ċerti sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2002/32/KE tipprevedi l-projbizzjoni tal-użu tal-prodotti maħsubin għall-għalf tal-annimali li jkun fihom is-sustanzi mhux mixtieqa f'livelli li jaqbżu l-livelli massimi stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(2) L-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi tan-negozju tal-għalf ikkonċernati rċevew *data* li tindika li l-livell massimu ġenerali ta' 2 mg/kg għall-arseniku fil-materjali tal-għalf li joriġinaw mill-pjanti ma jistax jintlaħaq fil-materjali speċifiċi tal-għalf leonardit u l-pit. Għalhekk huwa xieraq li jiżdied il-livell massimu għall-arseniku totali f'dawn il-materjali tal-għalf biex tiġi żgurata l-provvista. Din iż-żieda ma tħallix effett ħażin fuq is-saħħa tal-annimali jew dik pubblika billi l-livell massimu stabbilit għall-arseniku fl-għalf kumplimentari u fl-għalf komplut baqa' l-istess.

(3) L-operaturi tan-negozju tal-għalf ikkonċernati bagħtu data li tindika li għall-mikroelement it-triidrossiklorur tad-dimanganiż mhux possibbli li jintlaħaq il-livell massimu ġenerali ta' 30 mg/kg għall-arseniku fl-addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-grupp funzjonali tal-komposti tal-mikroelementi. Għalhekk huwa xieraq li jiżdied il-livell massimu għall-arseniku fit-triidrossiklorur tad-dimanganiż, abbażi tad-*data* miksuba permezz tal-metodu analitiku tal-iSpettrometrija tal-Massa bil-Plażma b'Akkoppjament Induttiv (ICP-MS). Il-Laboratorju Ewropew ta' Referenza għall-metalli u għall-komposti nitroġeniċi kkonferma li dan il-metodu jipprovdi r-riżultati korretti fir-rigward tal-preżenza tal-arseniku fil-mikroelementi. Din iż-żieda ma tħallix effett ħażin fuq is-saħħa tal-annimali jew dik pubblika minħabba li l-livell massimu stabbilit għall-arseniku fl-għalf kumplimentari u fl-għalf komplut baqa' l-istess.

(4) B'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea eżamina ċerti sejbiet dwar il-fluworu fl-alki kalkarji tal-baħar. Dak l-eżami stabbilixxa li l-preżenza ta' sfond ta' fluworu fl-alki kalkarji tal-baħar f'xi każijiet taqbeż il-livell massimu stipulat għall-fluworu fl-alki kalkarji tal-baħar. Għalhekk huwa xieraq li l-livell massimu għall-fluworu fl-alki kalkarji tal-baħar jiżdied minn 1 000 mg/kg sa 1 250 mg/kg. Din iż-żieda ma għandhiex effett ħażin fuq is-saħħa tal-annimali jew dik pubblika minħabba li l-livell massimu stabbilit għall-arseniku fl-għalf kumplimentari u fl-għalf komplut baqa' l-istess.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2229 ([2]) emenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE fir-rigward, fost l-oħrajn, taċ-ċomb. Għal raġunijiet ta' ċarezza, ġiet sostitwita l-entrata sħiħa għaċ-ċomb. F'din is-sostituzzjoni, fil-lista tal-materjali tal-għalf li għaliha japplika l-livell massimu ta' 15 mg/kg, b'mod żbaljat, tħalla barra l-materjal tal-għalf l-arzell kalkaruż tal-baħar. Ir-Regolament (UE) 2017/2229 stabbilixxa wkoll livell massimu ġdid għaċ-ċomb fl-ossidu tad-diram. Madankollu, l-isem IUPAC (L-Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata) tal-addittiv huwa ossidu tar-ram(I). F'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l- "EFSA") fl-opinjoni tagħha dwar l-ossidu kupriku ([3]), jenħtieġ li l-addittiv jissejjaħ ossidu tar-ram (I), u dan ma sarx fil-verżjonijiet lingwistiċi bl-Ingliż, bit-Taljan u bis-Slovakk tar-Regolament. Jenħtieġ li dawn l-iżbalji jiġu kkoreġuti.

([1]) ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2229 tal-4 ta' Diċembru 2017 li jemenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-livelli massimi taċ-ċomb, tal-merkurju, tal-melamina u tad-dekokinat (ĠU L 319, 5.12.2017, p. 6).

([3]) EFSA Journal 2015;13(4):4057.

(6) Ċerti materjali tal-għalf li jappartjenu għall-kategorija "il-ħut, l-annimali akkwatiċi l-oħrajn u l-prodotti derivati minnhom" jitqiegħdu fis-suq bħala materjal tal-għalf imxarrab fil-laned għat-tagħlif dirett tal-klieb u l-qtates. Għalhekk, billi dan il-materjal tal-għalf imxarrab fil-laned jissostitwixxi l-għalf kompost, huwa xieraq li jiġi applikat l-istess livell massimu ta' merkurju għal dan il-materjal tal-għalf imxarrab fil-laned bħala l-livell massimu applikabbli għall-għalf kompost peress li din il-bidla ma taffettwax b'mod ħażin is-saħħa tal-annimali.

(7) L-EFSA adottat dikjarazzjoni xjentifika dwar il-preżenza ta' gossipol ħieles fiż-żerriegħa tal-qoton sħiħa ([4]). Hija kkonkludiet li ma kienx hemm bżonn ta' aġġornament għall-opinjoni xjentifika fir-rigward tar-riskji għas-saħħa tal-annimali mill-preżenza tal-gossipol bħala sustanza mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali. Filwaqt li titqies id-*data* ta' okkorrenza msemmija f'dik id-dikjarazzjoni, huwa xieraq li jiġi stabbilit livell massimu ogħla għall-gossipol ħieles fil-materjal tal-għalf taż-żerriegħa tal-qoton. Din iż-żieda ma taffettwax b'mod ħażin is-saħħa tal-annimali minħabba li l-livell massimu stabbilit għall-gossipol ħieles fl-għalf komplet baqa' l-istess.

(8) Id-Direttiva 2002/32/KE tistabbilixxi livell massimu għad-diossini, is-somma ta' diossini u PCB simili għad-diossini u PCB mhux simili għad-diossini biss f'ċerti addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u l-antiagglomeranti. Madankollu, is-sejbiet riċenti nnotifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf juru livelli għoljin ta' diossini u PCBs simili għad-diossini f'addittivi oħra tal-għalf li jappartjenu għal dak il-grupp funzjonali. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit il-livell massimu għad-diossini u l-PCBs fl-addittivi kollha tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u l-antiagglomeranti. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawk il-livelli massimi japplikaw ukoll fejn l-istess addittivi tal-għalf huma awtorizzati fil-gruppi funzjonali "Sustanzi għall-kontroll tal-kontaminazzjoni radjonuklida" u "Sustanzi għat-tnaqqis tal-kontaminazzjoni tal-għalf mill-mikotossini"

(9) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2002/32/KE tiġi emendata skont dan.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE qed jiġi emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

([4]) https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2017.4850

ANNESS

L-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-Taqsima I, ir-Ringiela numru 1, Arseniku, hija sostitwita b'dan li ġej:

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Livelli massimi f'mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 %
"1. Arseniku ([1])	Materjali tal-għalf	2
	bl-eċċezzjoni ta':	
	— magħlef magħmul minn ħaxix, minn xnien imnixxef u minn silla mnixxfa, u polpa mnixxfa tal-pitravi zokkrija u molassa mnixxfa tal-polpa tal-pitravi zokkrija;	4
	— espellent tal-qalba tal-palm;	4 ([2])
	— pit; leonardit;	5 ([2])
	— fosfati, algi kalkarji tal-baħar;	10
	— karbonat tal-kalċju; karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju ([10]); arzell kalkaruż tal-baħar;	15
	— ossidu tal-manjeżju; karbonat tal-manjeżju;	20
	— ħut, annimali akkwatiċi oħrajn u prodotti derivati minnhom;	25 ([2])
	— magħlef tal-alka u materjali tal-għalf li ġejjin mill-alka.	40 ([2])
	Partikuli tal-ħadid użati bħala traċċatur.	50
	Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-grupp funzjonali ta' komposti ta' mikroelementi	30
	bl-eċċezzjoni ta':	
	— pentaidrat tas-sulfat kupriku; karbonat kupriku; triidrossiklorur tad-diram; karbonat ferruż; triidrossiklorur tad-dimanganiż	50
	— ossidu taż-żingu; ossidu manganuż; ossidu kupriku.	100
	Għalf komplimentari	4
	bl-eċċezzjoni ta':	
	— għalf minerali;	12
	— għalf komplimentari, għal annimali domestiċi, li fih ħut, annimali oħra akkwatiċi u prodotti derivati minnhom u/jew magħlef tal-alka u materjali tal-għalf derivati mill-alka;	10 ([2])
	— il-formulazzjonijiet ta' forniment fit-tul tal-għalf għal għanijiet partikolari tan-nutriment b'konċentrazzjoni ta' mikroelementi aktar minn 100 darba l-kontenut massimu stabbilit fl-għalf komplet;	30
	Għalf komplet	2
	bl-eċċezzjoni ta':	
	— għalf komplet għall-ħut u annimali pilużi;	10 ([2])
	— għalf komplet, għal annimali domestiċi, li fih ħut, annimali oħra akkwatiċi u prodotti derivati minnhom u/jew magħlef tal-alka u materjali tal-għalf derivati mill-alka.	10 ([2])"

(2) Fit-Taqsima I, ir-Ringiela numru 3, Fluworu, fil-kolonna "Livelli massimi f'mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 %", iċ-ċifra għal-livell massimu għall-alki kalkarji tal-baħar hija sostitwita b'"1 250";

(3) Fit-Taqsima I, ir-Ringiela numru 4, Ċomb, hija sostitwita b'dan li ġej:

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Livelli massimi f'mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 %
"4. Ċomb ([12])	Materjali tal-għalf	10
	bl-eċċezzjoni ta':	
	— magħlef ([3]);	30
	— fosfati, algi kalkarji tal-baħar u arzell kalkaruż tal-baħar;	15
	— karbonat tal-kalċju; karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju ([10]);	20
	— ħmejjer.	5
	Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-grupp funzjonali ta' komposti ta' mikroelementi	100
	bl-eċċezzjoni ta':	
	— ossidu taż-żingu;	400
	— ossidu manganuż, karbonat ferruż, karbonat kupriku, ossidu tarram (I).	200
	Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti antiagglomeranti	30
	bl-eċċezzjoni ta':	
	— klinoptilolit ta' oriġini vulkanika; natrolit-fonolit.	60
	Pretaħlitiet ([6])	200
	Għalf komplimentari	10
	bl-eċċezzjoni ta':	
	— għalf minerali;	15
	— formulazzjonijiet ta' forniment fit-tul ta' għalf għal għanijiet partikolari ta' nutriment b'konċentrazzjoni ta' mikroelementi aktar minn 100 darba l-kontenut massimu stabbilit f'għalf komplet.	60
	Għalf komplet.	5"

(4) Fit-Taqsima I, ir-Ringiela numru 5, Merkurju, hija sostitwita b'dan li ġej:

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Livelli massimi f'mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 %
"5. Merkurju ([4])	Materjali tal-għalf	0,1
	bl-eċċezzjoni ta':	
	— ħut, annimali akkwatiċi oħrajn u prodotti derivati minnhom maħsubin għall-produzzjoni ta' għalf kompost għall-annimali li jipproduċu l-ikel;	0,5
	— ħut, annimali akkwatiċi oħrajn u prodotti derivati minnhom maħsubin għall-produzzjoni ta' għalf kompost għall-klieb, għall-qtates, għall-ħut ornamentali u għall-annimali pilużi;	1,0 ([13])

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Livelli massimi f'mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 %
	— ħut, annimali akkwatiċi oħrajn u prodotti derivati minnhom bħala materjal tal-għalf imxarrab fil-laned għat-tagħlif tal-klieb u l-qtates	0,3
	— karbonat tal-kalċju; karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju ([10]).	0,3
	Għalf compost	0,1
	bl-eċċezzjoni ta':	
	— għalf minerali;	0,2
	— għalf kompost għall-ħut;	0,2
	— għalf kompost għall-klieb, għall-qtates, għall-ħut ornamentali u għall-annimali piluži.	0,3"

(5) Fit-Taqsima III, ir-Ringiela numru 1, Gossipol ħieles, fil-kolonna "Livelli massimi f'mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 %", iċ-ċifra għal-livell massimu taż-żerriegħa tal-qoton hija sostitwita b'"6 000";

(6) Fit-Taqsima V, ir-Ringiela numru 1, Diossini, fil-kolonna "Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali", ir-raba' entrata, li tikkonċerna l-addittivi tal-għalf tat-tafal tal-kawlina, il-vermikulit, in-natrolit-fonolit, l-aluminati tal-kalċju sintetiċi u l-klinoptilolit ta' oriġini sedimentarja li jappartjenu għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti antiagglomeranti, hija sostitwita b'dan li ġej:

"Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti antiagglomeranti (*).

(*) Il-livell massimu huwa applikabbli wkoll għall-addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali ta' sustanzi għall-kontroll tal-kontaminazzjoni bir-radjonuklidi u s-sustanzi għat-tnaqqis tal-kontaminazzjoni tal-għalf permezz tal-mikotossini li jappartjenu wkoll għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti antiagglomeranti.".

(7) Fit-Taqsima V, ir-Ringiela numru 2, L-ammont ta' diossini u ta' PCBs simili għad-diossini, fil-kolonna "Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali", ir-raba' entrata, li tikkonċerna l-addittivi tal-għalf tat-tafal tal-kawlina, il-vermikulit, in-natrolit-fonolit, l-aluminati tal-kalċju sintetiċi u l-klinoptilolit ta' oriġini sedimentarja li jappartjenu għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti antiagglomeranti, hija sostitwita b'dan li ġej:

"Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti antiagglomeranti (*).

(*) Il-livell massimu huwa applikabbli wkoll għall-addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali ta' sustanzi għall-kontroll tal-kontaminazzjoni bir-radjonuklidi u s-sustanzi għat-tnaqqis tal-kontaminazzjoni tal-għalf permezz tal-mikotossini li jappartjenu wkoll għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti antiagglomeranti.".

(8) Fit-Taqsima V, ir-Ringiela numru 3, PCBs mhux simili għad-diossini, fil-kolonna "Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali", ir-raba' entrata, li tikkonċerna l-addittivi tal-għalf tat-tafal tal-kawlina, il-vermikulit, in-natrolit-fonolit, l-aluminati tal-kalċju sintetiċi u l-klinoptilolit ta' oriġini sedimentarja li jappartjenu għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti antiagglomeranti, hija sostitwita b'dan li ġej:

"Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti antiagglomeranti (*).

(*) Il-livell massimu huwa applikabbli wkoll għall-addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali ta' sustanzi għall-kontroll tal-kontaminazzjoni bir-radjonuklidi u s-sustanzi għat-tnaqqis tal-kontaminazzjoni tal-għalf permezz tal-mikotossini li jappartjenu wkoll għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti antiagglomeranti.".